MINUTI

GVERN LOKALI TA' XBIEX

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2013

SEDUTA NUMRU 18

L-ERBGĦA 2 TA' DIĊEMBRU 2009 FIL-5.30 TA' FILGĦAXIJA

PREŻENTI

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

TALBA

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

i Il-Minuti tas-Seduta Numru 17 Ad Hoc li saret fid-9 ta' Novembru 2009 Ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku A. Vassallo ipproponiet li jiġu approvati. Il-Kunsillier F. Roe ssekonda. Dawn ġew approvati unanimament.

Il-Minuti tas-Seduta Numru 17 li saret fis-17 ta' Novembru 2009 ukoll Ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku A. Vassallo pproponiet li l-Minuti jiġu approvati Il-Viċi Sindku A. Farrugia ssekonda. Dawn ġew approvati unanimament.

ii Is-Sindku A. Vassallo u s-Segretarju Eżekuttiv M. Pisani ffirmaw il-Minuti.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

i Is-Sindku nfurmat li l-Inġinier lesta l-ispeċifikazzjonijiet għax-xiri u nstalazzjoni ta' photovoltaic panels u għalhekk ġiet ippublikata s-sejħa għal dan flimkien ma l-offerti l-oħra.

ii Il-Kunsill ġie nfurmat li nbdew x-xogħlijiet fuq il-bankini (l-ewwel fażi). Il-Kunsillier A Cachia Castelletti qajjem punt li l-bankina li tagħmel parti mill-proġett tal junction li suppost saret bil-madum. Il-Kunsillier E Muscat qal li fil-pjanta hekk jidher. Is-Sindku qalet li fl-ebda ċirkostanza qatt ma ssemma li dawn se jsiru bil-madum. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qajjem punt ieħor dwar ir-riżoluzzjoni li jitneħħew il-wires tad-dawl. Huwa qal li fejn saru ix-xogħlijiet suppost għaddew pajpijiet biex ikun jista' jinbeda' dan il-proċess. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kienet saret laqgħa mal-Inġinier ta' l-Enemalta u li għaliha kien attenda l-Kunsillier Cachia Castelletti. Hija qalet li kien ġie diskuss il-proġett tal-Junction u wara li saret site inspection dawn kienu infurmawna li meta jkun se jibda' l-proġett għandna ninfurmawhom biex jikoordinaw mal-kuntrattur dwar din il-materja. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li ssir laqgħa oħra ma l-Enemalta.

Antoinette Vassallo Marisa Pisani

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli...)

iii Il-Kunsillier E. Muscat informa li l-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali se jieħu ħsieb jagħmel il-culverts tax-Xatt. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li xi jiem ilu ġiet avviċinata mis-Sur Valenzia tal-ADT dwar l-istess materja. Hija rrappurtat li dawn għamlu spezzjoni meta għamlet ħafna xita peress li sarulhom xi rapporti dwar l-għargħar li jkun hemm. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li dawn ma kienu jafu xejn dwar l-ilmenti u s-suġġerimenti li bagħat il-Kunsill dwar il-każ. Għalhekk dawn ingħataw kopja tal-korrispondenza għall-informazzjoni tagħhom.

iv Is-Sindku rreferiet għal proġett nazzjonali "Flood Relief" u nfurmat li l-Kunsill għandu ċans sal-14 ta' Diċembru 2009 biex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li d-dokumenti kollha qegħdin għad-dispożizzjoni tal-Kunsilliera peress li mhux possibbli li jsiru kopji tagħhom.

v Il-Kunsillier E. Muscat irrefera għad-dawl ta' Triq Alfred Craig. Huwa qal li s-Sur Debono aċċetta li l-bozza eżistenti tersaq u titwaħħal mal-faċċata tiegħu. Huwa rrapporta wkoll li hemm bżonn li tiddawwal iktar Triq U. Mifsud (in-naħa ta' Fuq ir-Rampa) u Triq il-Prinjolata kantuniera ma Fuq ir-Rampa. Il-Kunsill iddiskuta il-bozza mwaħħla ma Blk D5 li kellha tiċċaqlaq u titwaħħal fuq id-dobblu kif ukoll l-arloġġ u l-kaxxa tad-dawl li hemm imwaħħla ma l-istess blokk . Ġie deċiż li nikkonsultaw ma' l-Kuntrattur dwar din il-materja.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Is-Sindku nfurmat li l-applikazzjoni għal fondi speċjali biex jitpoġġew bins żgħar għas-separazzjoni ta' l-iskart fix-Xatt ġiet aċċettata u l-Kunsill ingħata Euro3000.

ii Inqrat l-ittra tas-Sur Pierre Axiaq li talab permess biex jarma kiosk ix-Xatt biex ibiegħ il-ħelu tal-kwart. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li dan għandu jimxi skond il-permess li għandu.

iii Ġie ċċirkulat ir-rapport finanzjarju skond t-30 ta' Settembru 2009.

iv Is-Sindku nfurmat li xi residenti minn Paula Flats fi Triq E. Galizia qed jilmentaw dwar il-bring-in-site li tpoġġiet viċin tagħhom peress li dawn qed jitbattlu kmieni filgħodu u qed jagħmlu ħafna ħsejjes. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li nitolbu l-Kuntrattur biex dawn jitbattlu matul il-ġurnata. Ġiet diskussa wkoll il-possibilta' li dawn jitressqu fi Triq Ġ. Cali' ħdejn l-għalqa..

v Is-Sindku nfurmat li t-talba li għamel il-Kunsill biex issir devoluzzjoni tal-art fix-Xatt ġiet irrifjutata.

vi Il-Kunsill iddiskuta u approva l-attivitajiet għal ġranet tal-Milied kif jidher hawn taħt. Ġie deċiż ukoll li fil-party ta' l-anzjani tingħata tifkira lis-Sinjura Emanuela Muscat li se tiċċelebra l-mitt sena:

- Party għall-anzjani fis-16 ta' Diċembru 2009 fil-5.00p.m.
- Staff Party fil-21 ta' Diċembru 2009 fil-11.00a.m.
- Ikla tal-Kunsill fis-6 ta' Jannar 2010 filgħaxija

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (jkompli ...)

vii Is-Sindku rreferiet għar-reviżjoni tad-dekasteri tal-Kunsilliera. Wara li l-Kunsill iddiskuta din il-materja is-Sindku tablet li jittieħed vot. Dawn ġew approvati bi 3 voti favur, 1 kontra u astenzjoni.

viii Is-Sindku nfurmat li t-tenders jiġu approvati fl-aġġornament tal-laqgħa wara li l-Kumitat ta' l-aġġudikazzjoni jkun lesta r-rapport. Hija nfurmat ukoll li peress li din is-Sena Finanzjarja se tagħlaq fl-aħħar ta' Diċembru, l-Laqgħa Annwali trid issir iktar kmieni.

## V KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUNSILLIERA

i Il-Viċi Sindku A. Farrugia u l-Kunsilliera E. Muscat u F. Roe ippreżentaw xi lmenti u suġġerimenti.

**Il-Laqgħa spiċċat fit-8.00pm. u sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 22 ta' Diċembru fil-5.30p.m.**

| | |
|---|---|
| Antoinette Vassallo | Marisa Pisani |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |